

# Il-Knisja Ta' Hal-Lija

Din il-Knisja, Achille Ferris isejħilha "waħda mill-isbaħ knejjes ta' Malta", u tassew li dan huwa hekk. Ta' stil doriku, l-eżattezza ta' esekuzjoni ta' l-istruttura tagħha hi tassew perfetta li ssaħħrek. Iż-żewġ kampnari sbieħ u proporzjonati fuq il-faċċata tagħha u l-fondisspizju bejniethom bis-salib ta' knisja bażilika fuqu, iz-zuntier wiesgħa li fuqu tinsab mibnija għoli erba' targiet mit-triq u ż-żewġ piramidi tal-ġebel fuq kull naħa taz-zuntier, umbagħad tliet targiet oħra, jagħmluha monument tassew sabieħ. Is-siġar għoljin ta' l-awrikarja u oħrajn fil-ġonna ta' madwarha jżidu mhux ftit il-ġmiel kbir ta' din il-Knisja.

Id-djar li kellha mibnija quddiemha ftit tas-snin ilu kienu jtellfu mis-sbuħija ta' dan it-tempju, iżda issa li minflokhom saret pjazza kbira bi triq wiesgħa quddiemha bis-siġar ta' l-odejandru fuq kull naħa, il-Knisja saret it-tokk ta' kwadru tassew li jgħaxxqek. Wisq kienet tidher aħjar mit-tarf ta' din it-triq il-ġdida li ma kienx hemm il-belveder, monument sabieħ ukoll f'nofsha, iżda minn warajh hemm distanza biżżejjed biex wieħed ikun jista' jara l-Knisja bil-ġmiel kollu tagħha.

Jekk il-Knisja hija sabieħa minn barra għall-linji u l-arkitettura tagħha, xejn inqas m'hija sabieħa minn ġewwa. Għamla ta' salib, b'koppla ħelwa fin-nofs, fil-għoli u l-wisa' tagħha hija tassew imdaqqsa kif jixirqilha, għalkemm ftit żgħira għall-2,350 ruħ li jinsabu f'Ħal-Lija. Jista' li b'xi mod wieħed ikabbarha, iżda l-ġmiel tagħha jinqered.

Din il-Knisja hi ta' 126 pied fit-tul tagħha u ta' 88 pied fil-kappel-

luni. L-ewwel ġebla tqegħdet minn Mons. Ċacco Palmieri fl-20 ta' Mejju, 1694 u tlestiet sitt snin wara. Kienet ikkonsagrata mill-Isqof Labini fil-25 ta' Lulju, 1782.

Tagħrif fuq il-pittura tas-saqaf mill-magħruf Calì u l-Professur Cortis, u dik tal-kwadri ta' fuq l-artali, kif ukoll fuq l-irħam ta' l-artali u tal-paviment tal-Knisja u l-opri kollha sbieħ li jkabbru l-ġmiel tagħha, jinsabu mfissra sewwa fiż-żewġ kotba tas-Sur Salv. Mifsud u tas-Sur Marju Agius li nkitbu wieħed qabel iċ-ċentinarju li sar fis-sena 1931 u l-ieħor wara dan iċ-ċentinarju. Dawn iż-żewġ kotba, li barra li jgħidulna x'kellu jsir u x'sar f'dan iċ-ċentinarju, juruna wkoll l-istorja ta' Ħal-Lija bid-dettalji kollha tagħha u l-opri tal-Knisja. Jekk Alla jrid, huwa ħsieb ta' dan il-Kumitat, li kull sena jistampa tagħrif bir-ritratti ta' xi waħda minn dawn l-opri u ħwejjeġ oħra fuq Ħal-Lija u jqassamhom bħala rigal ta' tifkira lil familji li ta' kull ġimgħa jikkontribwixxu għall-festi tas-Salvatur kif qiegħed jagħmel issa b'dan il-ktieb — programm ma' l-ewwel sena li ħa f'idejh dawn il-festi.

**Mons. Gius. M. Xerri.**

———— o ————

# LIL KRISTU SALVATUR

*(Trasfigurat fuq it-Tabor)*

Tlajt bi ħsiebi fuq it-Tabor,
U lmaħt b'għaxqa s-Salvatur:
Kristu mbidel: kien misterju
Kif minn Alla ġie maħtur.

Bħas-silġ ħwejjġu saru bojod,
Wiċċu jiddi sar bħax-xemx,
Il fuq bejn Mosè u Elija,
Dehra isbaħ sibt li m'hemmx!

Ried hemmekk lil xi appostli,
L-aktar tlieta maħbubin;
Pietru, Ġakbu u Ġiovanni,
Juri x'ħejja għat-tajbin.

Ġesù għamel li dnubietna,
Nistħu b'sogħba u nħobbuk;
Sabiex b'hekk fuq Tabor isbaħ,
Nibqgħu dejjem infaħħruk!

MARIO AGIUS.